TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 251/12 (JE).

Noel Debono u Audrey Muscat Debono

vs.

Joe Azzopardi eżerċenti l-kummerċ bħala "Bottega del Marmista".

Illum, 15 ta' April 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Noel Debono u Audrey Muscat Debono tas-27 ta' Settembru 2012 illi permezz tiegħu talbu lura d-depożitu ta' sitt mitt euro (€ 600) illi kienu ħallsu f'Novembru 2011 lill-konvenut sabiex jagħmlilhom wiċċ tal-bank tal-kċina, li għalkemm kellu jitlesta fi żmien tlett ġimgħat, baqa' ma sar qatt. Minkejja l-isforzi kollha tal-atturi sabiex issir rifużjoni ta' dan id-depożitu, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ra illi l-konvenut minkejja illi kien debitament notifikat, ma daħħalx risposta u għalhekk, waqa' kontumaċi.

Sema' l-provi tal-atturi.

Ikkunsidra.

Illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni u fid-dawl tal-provi prodotti, jidher illi t-talbiet tal-atturi huma ġustifikati.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-atturi u jordna r-rifużjoni tas-somma ta' € 600 imħallsa mill-atturi għall-wiċċ ta' l-irħam li qatt ma ġie kkonsenjat mill-konvenut u dana bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888